KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 20 – Il-ĦAMIS 11 TA' ĠUNJU 2020**

Minħabba l-kriżi COVID-19, il-Kunsill ma ltaqax fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u saret b'mod remot (online meeting). Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**20.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

20.1.1 Ma kienx hemm.

**20.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

20.2.2 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (19) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

20.2.3 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 20.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

20.3.1 Ma kienx hemm.

## 20.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

20.4.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras irrelata dwar il-proġett tal-ħitan tas-sejjieħ li kien applika l-Kunsill fil-leġiżlatura preċedenti u issa li ngħalaq il-proċess tal-akkwist pubbliku, saret laqgħa mall-Kuntrattur biex jiġi ffirmat il-kuntratt u jippreżenta d-dokumentazzjoni mitluba skont il-kuntratt.  Huwa previst li l-proġett għandu jibda fl-aħħar ġimgħa ta' Ġunju u kien deċiż li ssir *co-ordination meeting* fl-immedjat mall-Perit dwar programm tax-xogħol.  Pendenti l-permess tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex ikunu jistgħu isiru x-xogħlijiet.  Kien deċiż li l-proġett jibda parti mis-sit ta' Sqaq Ġarda u parti minn Triq Għargħur.

20.4.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li kien għamel kuntatt ma' student Taljan fejn se jkun jagħmel it-teżi tiegħu dwar il-ħamrija u 'Permaculture' a favur l-ambjent.  Is-Sindku żied jgħid li dawn ir-relazzjonijiet issaħħu tant li dan l-istudent għoġbu jagħżel il-lokaità tal-Iklin biex jaħdem fuq dan il-proġett.  Is-Sindku kompla billi qal li dan huwa proġett interessanti, għaliex jitratta dwar il-proċess disinjattiv tal-permakultura, u gardinaġġ urban sostenibbli.  Is-Sindku żied jgħid li l-għan tagħna mhux li t-teżi tibqa fuq il-karta iżda nesploraw il-possibiltà li nadottaw dawn il-prinċipji.  Huwa previst li t-teżi jiġi konkluż f'April li ġej u hemm ukoll il-possibiltà li nallaċċaw dan il-proġett mal-attività kulturali 'Festa Fjuri' li tiġi mtella f'Mejju.  Ikkonkluda billi qal li huwa ta' sodisfazzjon li dan l-istudent għażel il-lokalità tal-Iklin.

## 20.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

20.5.1 Il-Kunsillier Bernice Farrugia xtaqet tiċċara l-pożizzjoni tagħha dwar il-*post* li tellgħet fuq il-mezzi soċjali tal-facebook dwar is-servizz ta' tindif li sar mill-Ministeru fl-Iklin.

Sostniet li b'dak il-kumment li tellgħet fuq facebook bl-ebda mod ma riedet tiskorja xi punti politiċi u l-intenzjoni tagħha kienet waħda ġenwina. Żiedet tgħid li tistieden lil dawk li jersqu 'l quddiem biex joffru xi tip ta' servizz għall-ġid ta' din il-lokalità u tappoġġja dawn l-inizjattivi.

Is-Sindku wieġeb li hu m'għamel l-ebda riferenza għall-kumment tal-Kunsillier Farrugia fil-komunikazzjoni tas-Sindku. Però ġa ladarba ġie d-diskors qal li huwa kellu jikkummenta u jikkoreġi l-fatt li t-tindif ma sarx fl-Iklin kif inkiteb mill-Kunsillier Farrugia iżda fir-*remit* tal-Knisja. Is-Sindku qal li kien l-obbligu tiegħu li jiċċara dan il-punt biex jgħid is-sewwa magħruf. Is-Sindku ma riedx li jiġi nterpretat ħażin u għamilha ċara li ma jara xejn ħażin f'din l-inizjattiva da parte tal-Ministeru anzi japprezza u jappoġġja dawn l-inizjattivi kif irrimarkat il-Kunsillier Farrugia.

## 20.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

20.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-23 ta' Mejju u d-9 ta' Ġunju 2020 kif jidher fid-dokumenti A u B.

20.6.2 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 1027/20. Talba għall-imwejjed u siġġijiet fi Triq Ġeronimo Abos. Proposta biex il-Kunsill jagħti permess temporanju għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet lil cafeteria fl-Iklin. Is-Sindku ta briefing dwar l-applikazzjoni ta' din it-talba.

20.6.3 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 1090/20. Covid-19 u l-attivitajiet iffinanzjati mill-fondi ta' l-Aġenzija LESA.

Is-Sindku Dr. Sciberras informa li s-Segretarju Eżekuttiv kiteb formalment lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex jgħarrafhom bil-kanċellament tal-attività kulturali 'Festa Fjuri' minħabba l-pandemija. Peress li l-Kunsill kien applika għall-iskema 'Fondi għall-Attivitajiet u Inizjattivi Kulturali, il-Kunsill kien eliġibbli għall-ammont ta' Eur7k. Għaldaqstant il-Kunsill talab biex dawn il-fondi ikunu pparkajti għall-edizzjoni tas-sena d-dieħla.

20.6.4 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar korrispondenza nru. 1095/20. Konferma li l-inġenji li qed jintużaw mill-Kuntrattur fi Triq il-Wied għandhom ċertifikazzjoni minn inġinier ġustifikat.

20.6.5 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar korrispondenza nru. 1121/20. Korrispondenza mis-Superintendent tad-Distrett ta' B'Kara fejn qed jinnotifika lill-Kunsill b'xi tibdil fl-Uffiċċjal li kien jaħdem mill-qrib mall-Kunsilli Lokali.

Is-Sindku irringrazzja pubblikament lis-Surġent għad-disponibbiltà u d-dedikazzjoni fil-ħidma tiegħu mall-Kunsill Lokali L-Iklin.

20.6.6 Il-Viċi Sindku Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1101/20. Iffirmar tal-Kuntratt bejn il-Kunsill Lokali L-Iklin u WasteServ Malta Ltd dwar il-ġabra tal-iskart organiku.

Is-Sindku informa li peress li l-Kunsill iffirma kuntratt ġdid aktar kmieni din is-sena wara sejħa ġdida għall-akkwist pubbliku, reġa ġie iffirmat ftehim bejn iż-żewġ partijiet għas-sena 2020 fejn prattikament il-partijiet qed jaqblu li l-ġabra tal-iskart organiku tinġabar tliet darbiet fil-ġimgħa f'borża bajda kull nhar ta' Tnejn (dual collection), l-Erbgħa u l-Ġimgħa. WasteServ Malta Ltd qed tintrabat li tagħti rimborż lill-Kunsill Lokali L-Iklin ta' tliet ġabriet skont ir-rati tal-Kuntratt. Iżid li r-rimborż ta' dawn it-tliet ġabriet fil-ġimgħa jsir dment li l-kollettur jiddisponi fil-faċilità f'dik il-ġurnata stess.

20.6.7 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 1117/20. Talba lill-iskema awtorizzata GreenMT għat-tneħħija tal-Bring-in-Sites minn Triq in-Naxxar (service road).

Is-Sindku wieġeb li s-Segretarju Eżekuttiv attwa d-deċiżjoni li kien ħa l-Kunsill f'seduta preċedenti u fejn kiteb formalment lill-Iskema Awtorizzata biex tneħħi b'mod permanenti l-Bring-in-Sites. Id-deċiżjoni ittieħdet fid-dawl tal-fatt li s-sitwazzjoni kienet waħda inkontrollabbli.

**<u>COMPLAINTS SHEET (23 May - 9 June 2020)</u>**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 109 | 25/05/2020 | (3) kaxxi tal-GO miksurin fi Pjazza Ninu Cremona | settled | Pjazza Ninu Cremona | **GO plc** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 110 | 25/05/2020 | Hemm ġurdien mejjet f'parapett li ma' jintużax fi Triq Ġeronimo Abos. | settled | Triq Ġeronimo Abos | **Contractor** |
| 111 | 26/05/2020 | Ilment dwar il-problema tal-ġrieden fl-Iklin | settled | | **Health Directorate** |
| 112 | 26/05/2020 | Ilment dwar ġrieden fi Triq Pawlu Grech, Triq Ġużè Galea, Triq San Mikiel u Triq Giorgio Locano | settled | Various | **Health Directorate** |
| 113 | 26/05/2020 | Ilment dwar (2) qtates mejtin fi Triq May Butcher | settled | Triq May Butcher | **Contractor** |
| 114 | 26/05/2020 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu fi Triq iż-Żebbuġa. | settled | Triq iż-Żebbuġa | **Enemalta** |
| 115 | 28/05/2020 | Hemm *hedge* ħierġa minn parapett privat għal fuq il-bankina fi Triq G. Abos fejn *roundabout* | settled | Triq Ġeronimo Abos | **COUNCIL** |
| 116 | 29/05/2020 | Hemm vettura bil-liċenza skaduta fi Triq GM Azzopardi. Skadenza minn Jannar 2020. | pending | Triq GM Azzopardi | **POLICE** |
| 117 | 30/05/2020 | Il-borża s- sewda ta' fejn *doggybin* qatt ma tinġabar, kien hemm trakk ipparkjat. | settled | Triq Karmenu Vassallo | **COUNCIL** |
| 118 | 03/06/2020 | Talba biex jinqata' l-ħaxix minn Triq Richard Taylor. | settled | Triq Richard Taylor | **Contractor** |
| 119 | 05/06/2020 | Talba biex jinqata' l-ħaxix minn Triq Richard Taylor. | settled | Triq Richard Taylor | **Contractor** |
| 120 | 06/06/2020 | Ilment li l-ġnejna ta' fejn Triq Ċensu Busuttil kollha ħmieġ tal-klieb u bil- klieb jiġru fil-fjuri ! | pending | Triq Ċensu Busuttil | **COUNCIL** |
| 121 | 08/06/2020 | Rapport dwar arblu tad-dawl li qed iserrah ma' propjeta' privata fi Triq il-Gharghur. | pending | Triq il-Għargħur | **ENEMALTA** |
| 122 | 08/06/2020 | Rapport li vettura baqgħet dieħla *f'bollard* u l-ħsara hija irreparabbli. L-implimentazzjoni ta' bollard kienet biex cycle lane jitħalla liberu mill-vetturi, bejn Triq Karmenu Vassallo via Triq AM Caruana. | settled | Triq AM Caruana | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 123 | 08/06/2020 | Ilment minħabba ħmieġ ta' klieb u qtates fi Triq Richard Taylor. | settled | Triq Richard Taylor | **COUNCIL** |
| 124 | 08/06/2020 | Ilment dwar ħaxix li kiber u ħmieġ fi Triq Richard Taylor. | settled | Triq Richard Taylor | **Contractor** |
| 125 | 09/06/2020 | Din ir-residenta għandha garaxx fi Triq Richard Taylor, bidlet il-vettura u qed tħokk mal-bankina. | pending | Triq Richard Taylor | **COUNCIL** |
| 126 | 09/06/2020 | Ilment dwar ħaxix li kiber fid-daħla fejn hemm numru ta' garages fi Triq Mons P.P. Saydon. | pending | Triq Mons P.P. Saydon | **Contractor** |
| 127 | 09/06/2020 | Rapport li waqa' parti minn ħajt tas-sejjieħ fi Triq E.S. Inglott. | pending | Triq E.S. Inglott | **COUNCIL** |

## 20.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

20.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

20.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Bernice Farrugia.

20.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

## 20 .8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

20.8.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

## 20.9 PROĠETT SLOW STREETS

20.9.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ta *briefing* dwar il-proġett 'SLOW STREETS' fejn il-Kunsill Lokali L-Iklin kien iddikjara l-interess tiegħu biex jissieħeb f'dan il-proġett.

Is-Sindku Dr. Sciberras spjega li dan il-proġett qed jiġi mniedi mill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali, il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill Lokali L-Iklin huwa wieħed mill-35 Kunsill li għoġbu jissieħeb f'dan il-proġett.

Is-Sindku spjega li l-kunċett ta' dan il-proġett huwa bbażat fuq miżuri temporanji u l-istudju li ser isir għandu jwassal biex jiġu kkunsidrati u mplimentati spazji miftuħa.

Is-Sindku kompla jispjega li l-ideja tkun li tnaqqas l-aċċess għal *foreign traffic*, suġġett li kien ilu jiġi diskuss f'leġiżlaturi preċedenti u fejn il-Kunsill kien issottometta numru ta' rakkomandazzjonijiet lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex partikolarment matul *rush hour* jingħalqu ċertu toroq fil-qalba tal-Iklin biex jingħata nifs iċ-ċentru *(core)* tar-raħal.

Kompla billi qal li dan il-pjan għandu jassigura li l-mobilità f'dawn it-toroq għandu jkun wieħed sigur, sostenibbli, u effiċċjenti. Permezz ta' dan il-proġett, il-Kunsill ikun qed jagħti nifs ġdid lil dan ir-raħal minn emissjonijiet Carbon dioxide $CO_2$ filwaqt li jinħoloq aktar spazju għal dawk li jużaw ir-rota, il-mixi bħala mod alternattiv f'dawn it-toroq. Permezz ta' dan il-proġett, il-Kunsill jerġa jirriattiva l-kultura tar-rota u jippromwovu 'a healthy lifestyle', ħajja sana.

Saret diskussjoni wiesgħa fuq dan is-suġġett fejn il-Kunsillieri preżenti kienu mistiedna sabiex jagħtu l-*input* bl-idejat u kontro-proposti tagħhom.

Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq proposta biex il-Kunsill jikkunsidra dan li ġej:

Proposta li Triq Alfons Maria Galea tingħalaq għal *foreign traffic* bejn is-7.30a.m. u l-10.00 a.m. filwaqt li Triq Mons. P.P. Saydon u Triq Anton Buttigieg jingħalqu għal *foreign traffic* bejn l-4.30 p.m. u s-7.00 p.m. sintendi l-aċċess jibqa biss għar-residenti tal-Iklin.

20.9.2 Il-Kunsillier Godwin Catania kien xettiku dwar din il-proposta għaliex fil-fehma tiegħu, b'dan ir-raġunament, it-traffiku ser jiġi ddevjat fuq toroq oħra u filwaqt li tinstab soluzzjoni fuq parti tal-Iklin, min-naħa l-oħra l-Kunsill ikun ħoloq diffikultajiet ġodda jew piż fuq toroq oħra mmedjati.

20.9.2 Is-Sindku Dott. Sciberras emfasizza wkoll li dan kien se jkun proġett pilota u ċertament ser iservi bħala studju biex il-Kunsill jitgħallem minn dan il-proġett.

20.9.3 Imbagħad is-Sindku staqsa jekk kienx hemm aktar mistoqsijiet jew kontro-proposti xi jsiru qabel ma jmur għall-vot.

20.9.4 Is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo dwar il-proposta mressqa mis-Sindku għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

20.9.5 Il-mozzjoni għaddiet b'erba kontra wieħed. Dawk kontra wieħed, astensjonijiet xejn, u erba' favur. Is-Sindku Dott. Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, il-Kunsillier Bernice Farrugia, u l-Kunsillier Emanuel Zammit ivvutaw favur il-mozzjoni filwaqt li l-Kunsillier Godwin Catania ivvota kontra.

20.9.6 Is-Sindku ikkonkluda li dan il-proġett 'Slow Streets' huwa kunċett li jista potenzjalment jestendi għal *network* permanenti ta' passaġġi siguri u aktar spazju għaċ-ċiklisti.

20.9.7 Fl-aħħarnett, is-Sindku qal li l-Kunsill għandu l-opzjoni li jew jingaġġa Perit assenjat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali jew liberu li juża l-Perit tal-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill Reġjonali se jkun dispost jiffinanzja l-istudju għal lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun li jkunu interessati.

## 20.10 IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FL-IKLIN

20.10.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li saru talbiet mir-residenti ta' Triq Giovanni Curmi u Triq Ċensu Bugeja biex il-Kunsill jikkunsidra l-implimentazzjoni ta' *speed humps*. Is-Sindku żied jgħid li kien għamel spezzjoni fl-imsemmija toroq biex jifhem aħjar ix-xenarju.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li ssir ir-rakkomandazzjoni lill-Awtorità ta' Malta dwar it-Trasport għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni.

20.10.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras irrelata wkoll dwar periklu imminenti li jeżisti fi Triq Ġeronimo Abos k/m service road ta' Triq Dun Karm. Semma li ftit tal-jiem ilu, seħħ inċident tat-traffiku fejn vettura baqgħet dieħla *head-on* fid-direzzjoni ta' ħanut li hemm preċiżament fi Triq Ġeronimo Abos k/m Triq Dun Karm.
Is-Sindku żied jgħid li apparentement hemm applikazzjoni pendenti mal-awtoritajiet għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet proprju fejn seħħ dan l-inċident.
F'dan ir-rigward, is-Sindku kien tal-parir li jsir titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku biex ikunu evitati l-inċidenti partikolarment għall-vetturi li neżlin minn Triq Ġeronimo Abos fid-direzzjoni għal B'Kara By-Pass.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li ssir rakkomandazzjoni lill-Awtorità ta' Malta dwar it-Trasport biex jiġu orgnanizzati l-marki taż-żebgħa u sinjali tat-traffiku adegwati biex ikun hemm aktar dixxiplina fis-sewqan u titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku f'din il-*junction*.

20.10.5 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo ressqet proposta biex fi Triq il-Klin bejn Triq Stefano Erardi u Triq Ġeronimo Abos u parti minn Triq San MIkiel jiġu mplimentati *wheel stoppers* minħabba li numru ta' sewwieqa mhux qed jirrispettaw il-bankini b'mod li persuna ma tkunx tista tghaddi b'mod liberu minn fuq il-bankina. Ir-residenti li jirrisiedu f'dawn it-toroq qed jilmentaw li l-aċċess tal-bankina qed jiġi ostakolat bil-vetturi.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jissottometti rakkomandazzjoni lill-Awtorità ta' Malta dwar it-Trasport biex jikkunsidra u japprova l-implimentazzjoni ta' *wheel stoppers* fi Triq il-Klin fejn il-parkeġġ huwa organizzat b'mod vertikali u mhux parallel mall-bankina.

**20.11 L-IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART RIĊIKLABBLI**

20.11.1 Is-Sindku Dr. Sciberras fetaħ id-diskussjoni dwar is-suġġett tal-immaniġġjar tal-iskart. Informa li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet sejħet laqgħa b'urġenza tal-Eżekuttiv sabiex tiddiskuti l-materja tal-ġbir ta' skart riċikklabbli.

Is-Sindku Dr. Sciberras spjega li dan is-suġġett kien diskuss wara li skont l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli hemm numru ta' Kunsilli Lokali li qed jiffaċċjaw diffikultajiet dwar il-ġabra tal-iskart riċiklabbli, kien hemm ukoll istanzi fejn iż-żewġ skemi awtorizzati abdikaw milli jkomplu joffru s-servizz f'numru ta' lokalitajiet u semma wkoll li ttieħdet deċiżjoni li waħda mill-iskemi awtorizzati ddikjarat li b'effett mill-1 ta' Awwissu ser twaqqaf is-servizz lill-Kunsilli li għandhom ftehim magħha.

Is-Sindku kompla jikkwota lill-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn għamel riferenza għall-Att li jwaqqaf il-Kunsilli Lokali fejn Artiklu 55 jitkellem dwar l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsilli Lokali u fejn juri b'mod espliċitu li l-immaniġġjar tal-iskart huwa responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali. F'dan ir-rigward, il-Kunsilli Reġjonali kellu jsejjaħ laqgħa b'urġenza dwar din il-materja biex jiddiskutu din il-materja u fejn kull Kunsill kellu jieħu vot jekk il-Kunsill japprovax li l-*istakeholders* kollha konċernati jesploraw mekkaniżmu dwar kif il-ġbir tal-iskart riċiklabbli jibda jsir mir-Reġjun.

20.11.2 Wara diskussjoni wiesgħa dwar dan is-suġġett bil-parteċipazzjoni tal-Kunsillieri preżenti, is-Sindku Dr. Sciberras staqsa jekk kienx hemm aktar mistoqsijiet qabel ma jmur għall-vot.

20.11.3 Imbagħad is-Sindku għamel il-mistoqsija jekk kienx hemm qbil li l-ġbir tal-iskart riċiklabbli għandux jiġi f'idejn ir-Reġjun. Ittieħed il-vot fejn (4) ivvutaw li l-operat tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli għandu jibqa f'idejn l-iskemi awtorizzati filwaqt li (1) vot kien favur li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Reġjonali. Is-Sindku Dr. Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, u l-Kunsillieri Bernice Farrugia u Emanuel Zammit favur li l-operat jibqa f'idejn l-iskemi awtorizzati filwaqt li l-Kunsillier Godwin Catania ivvota a favur li l-operat jaqa' taħt il-Kunsill Reġjonali.

20.11.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ser jikkomunika din id-deċiżjoni lill-Kunsill Reġjonali.

## 20.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

20.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Lulju 2020 fil-5.30 pm.

20.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il- Ġimgħa, 3 ta' Lulju 2020 2020 fil-5.30 pm.

20.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.40 pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________ | ______________________ |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |